MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 670/2012

**GO p.l.c.**

**vs.**

**Dragomir Emilian**
**(Passaport Rumen 10849279)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu s-soċjeta\` attriċi talbet il-ħlas tas-somma ta' sitt mija u tmintax-il Ewro, u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€618.24), dovuta mill-konvenut lis-soċjeta\` attriċi, rappreżentanti ammont in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkont numri *A/C40147178,* mogħtija mis-soċjeta' attriċi lill-konvenut;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie pprezentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' sitt mija u tmintax-il Ewro, u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€618.24), bl-imgħax legali dekorribbli mit-13 ta' Settembru 2012, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------